



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-450/13 P

**Donaldson Filtration Deutschland GmbH**  
vs  
**ultra air GmbH**

“Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark verbali ultrafilter international — Talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Abbuż ta’ dritt”

Sommarju — Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-19 ta’ Ġunju 2014

1. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Ammissibbiltà — Abbuż ta’ dritt — Assenza ta’ effett*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 52(1) u 56(1)(a))

2. *Appell — Aggravji — Insuffiċjenza ta’ motivazzjoni — Użu ta’ motivazzjoni impliċita mill-Qorti Ġenerali — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet*

1. Iċ-ċirkustanza li l-persuna li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità tista’ tressaq din it-talba bil-għan li iktar ’il quddiem tqiegħed is-sinjali inkwistjoni fuq il-prodotti fl-ebda każ ma tista’ tikkostitwixxi abbuż ta’ dritt. Fil-fatt, l-interess ġenerali mħares mill-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja jikkorrispondi għal dak tad-disponibbiltà u tal-użu liberu tal-imsemmi sinjal.

Barra minn hekk, l-intenzjoni tal-persuna li tressaq talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità li tuża t-trade mark inkwistjoni wara d-dikjarazzjoni ta’ invalidità ma hijiex ipprojbata mir-Regolament Nru 207/2009. Fil-fatt, l-Artikolu 52(1) ta’ dan ir-regolament jipprevedi li l-invalidità tat-trade mark Komunitarja li tirriżulta mill-eżistenza ta’ raġunijiet assoluti għal rifjut tista’ wkoll tiġi ddikjarata fuq il-bażi ta’ kontrotalba fi proċedimenti ta’ vjolazzjoni, u dan jippreżupponi li l-konvenut f’din l-azzjoni jista’ jikseb id-dikjarazzjoni ta’ invalidità anki jekk huwa uża t-trade mark u għandu l-intenzjoni li jkompli jużaha.

Min-naħa l-oħra, iċ-ċaħda tat-talba għal dikjarazzjoni ta’ invalidità minħabba li allegatament tikkostitwixxi abbuż ta’ dritt tmur kontra t-tweqqif effettiv tal-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009. Fil-fatt, tali ċaħda ma tippermettix li jsir eżami tat-trade mark fid-dawl tar-regoli li jirregolaw in-natura registrabbli tagħha u li tiġi evalwata l-eżistenza tar-raġuni assoluta għal rifjut ta’ reġistrazzjoni.

(ara l-punti 43-45)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 48)